# Kunsill Lokali tal-Imqabba

## Rapport Annwali Amministrattiv

**2012**

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill | 3 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 4 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 5 |
| Ir-Rapport tal-Awditur u l-*Financial Statements* | 6 |

F'dan ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2012 hawn indikazzjoni ċara kif matul is-sena li għadna kemm temmejna ilħaqna l-għanijiet tagħna. Dan għamilnih billi komplejna ninvestu aktar f'dik li hija infrastruttura speċjalment fejn jirrigwardja t-toroq li kienu mkissra kollha minħabba li kien għadhom tat-tip *spray and chipping*. Infatti permezz tal-proġett pilota din is-sena komplejna nasfaltaw diversi toroq fosthom is-*service road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija bejn Triq il-Murselli u Triq in-Nazzarenu, Triq il-Murselli, Triq is-Saljatura, Triq iż-Żurrieq, Triq Ħal Kirkop u Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Dan sar bl-appoġġ tal-gvern ċentrali fejn konna mogħtija fondi speċjali apposta biex jintemm dan il-proġett pilota. Intant, fl-aħħar pjazza msemmija komplejna investejna mhux biss fit-triq innifisha iżda wkoll fil-bankini li saru bil-*porfido*, bħala parti minn proġett ikbar li biex seta' jitwettaq kien hemm l-impenn tagħna biex insibu fondi tal-Unjoni Ewropeja. Dan seħħ meta bbenefikajna minn Miżura 313 li kienet amministrata mill-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali; proġett ta' Ċentru tal-Viżitaturi propju fejn wieħed mill-isbaħ siti arkeoloġiċi – l-Katakombi tal-Mentna.

Kienet sena ta' ħidma kontinwa fejn fiha kellna x-xorti illi norganizzaw diversi attivitajiet fosthom dik kulturali li issa daħlet fil-kalendarju ta' bosta Maltin, kif ukoll numru konsiderevoli ta' korsijiet għall-benefiċċju tar-residenti tagħna. Komplejna ninvestu fl-edukazzjoni billi nxtraw numru ta' kotba għal-librerija lokali u żidna s-siegħat tal-ftuħ. Ħdimna qatiegħ fil-qasam tal-kultura fejn tajna spazju biex is-soċjetajiet tar-raħal jingħaqdu magħna f'diversi okkażjonijiet biex komplejna niżviluppaw it-talenti sportivi, artiġjanali u dawk mużikali għall-ġid ta' kulħadd.

Noel Galea
Sindku

## 2.1 Il-Kunsill

| **Inkarigu** | **Parteċipazzjoni f'laqgħat** |
|---|---|
| Sur Emanuel (Noel) Galea (Sindku) | 95.65% |
| Sur Charles Farrugia (Deputat Sindku) | 52.17% |
| Sur Nicholas Briffa (Kunsillier) | 86.96% |
| Sinjorina Grace Marie Mallia (Kunsillier) | 82.61% |
| Sur Paul Spiteri (Kunsillier) | 91.30% |

**Impjegati**

| | |
|---|---|
| Sur Anthony Bonello (Segretarju Eżekuttiv) | 100% |

Sinjorina Valerie Galea (Uffiċjal Eżekuttiv)

Sinjorina Mersia Mackay (Skrivana) / Sinjorina Kylie Fenech (Skrivana)

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Waħda mill-ewwel laqgħat li kkaratterizzaw is-sena 2012, kienet dik organizzata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bil-parteċipazzjoni tal-Awditur Ġenerali. Din kienet tittratta l-osservanzi li għamlu l-udituri dwar nuqqasijiet ripetittivi li qed isibu fil-kotba tal-kunsilli lokali. Bla dubju din serviet ta' utilità kbira lis-segretarji eżekuttivi kollha li attendew għaliha bi ħġarhom.

Bi preparazzjoni għat-tfassil tal-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2012, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ltaqa' mal-pubbliku f'laqgħa pubblika li kienet organizzata wkoll f'Jannar, 2012. Din għall-ewwel darba saret taħt tinda f'nofs il-Pjazza tal-Knisja bil-għan li nilħqu udjenza akbar ta' nies, minkejja li kien ftit tal-bard. Il-*budget* tfassal aktar tard wara li kien approvat mill-Kunsill Lokali tat-13 ta' Frar, 2012.

Żjara importanti li saret fil-5 ta' Frar, 2012, kienet mid-Dipartiment tal-Kultura. Mijiet ta' nies interessati li jkollhom għarfien akbar f'pajjiżna, attendew bi ħġarhom fl-Isptar il-Qadim fi gruppi żgħar akkumpanjati bil-gwidi fejn ingħataw tagħrif storiku dwar il-binja aktarx tal-era tal-Kavallieri ta' San Ġwann, li kienet qed taqdi r-rwol (bħalma kienet Malta kollha) ta' nfermiera tal-Mediterran.

Fl-14 ta' Frar u it-23 ta' Mejju saret waħda mil-laqgħat utli mal-*Industrial Projects Services Ltd* li issa qed iżuruna regolarment biex jagħmlu *follow up* u *job shadowing* tal-ħidma tal-ħaddiema tagħhom. Il-protagonisti huma Anthony Spiteri u Vincent Cutajar. Dan minbarra l-laqgħat li issa sar isejjaħ regolarment is-sindku għall-*istaff* bħalma kienet dik tal-11 ta' Jannar, id-19 ta' Settembru.

Żjara oħra importanti kienet mill-Fondazzjoni AŻAD. Din saret nhar il-15 ta' Frar fl-Isptar il-Qadim. Minkejja li l-parteċipanti ma kienux numerużi daqs dawk għaxart ijiem qabel (organizzati mill-Kultura), dawn qagħdu jieħdu l-kafe ma' wħud mill-*istaff* tal-uffiċċju fl-Isptar il-Qadim u bil-parteċipazzjoni tal-Kappillan tal-Parroċċa, daħlu fil-Kappella Biżantina ta' San Bażilju. Is-segretarju eżekuttiv akkumpanjahom f'kappelli oħra bħal dik tad-Duluri u mxew bil-pass sat-Torri Vinċenti.

Laqgħa importanti oħra li saret fil-Berġa t'Aragona mal-Ministru responsabbli mill-kunsilli lokali: l-Onor Karm Mifsud Bonnici. Matul din il-laqgħa kienu msemmija kemm il-proġett pilota li qed iwettaq il-KLM f'diversi toroq, kif ukoll il-proġett tal-*EAFRD* b'miżura 313 bil-għajnuna ta' Fondi Ewropej. Allaċjat ma' dan kollu, hemm il-problema ta' aċċess ristrett tal-Katakombi tal-Mentna minn kemm ilhom taħt *Heritage Malta*, liema problema kienet diskussa mal-President Emeritus Ugo Mifsud Bonnici f'laqgħa oħra separata fl-uffiċċju tagħna meta dan kien qed jokkupa r-rwol ta' President tas-Sovratendenza (Kuntratt ta' Kurazija).

Ix-xahar ta' Frar kien wieħed impenjattiv ferm għall-uffiċċju tas-segretarju eżekuttiv meta bil-ħidma tal-Kumpanija tal-*Accountant,* daħħalna l-*Financial Statements* għas-sena 2011. Dawn kienu mgħoddijin kemm lid-Dipartiment, kif ukoll lill-Udituri *Grant Thornton* u lin-*National Audit Office.*

Minkejja li ma kienx imiss lill-Imqabba, fl-10 ta' Mejju, saru l-elezzjonijiet f'bosta rħula fosthom f'Ħal Safi li magħhom inqasmu kuntratti komuni; dak tal-Ġbir tal-Iskart.

Laqgħa li kellna fl-uffiċċju tagħna kienet mal-Uffiċjali tas-Sigurtà Soċjali. Għal darb'oħra konna proġett pilota biex inkunu eqreb lejn iċ-ċittadin. Dan qed ikun imħejji biex uffiċjal tas-Sigurtà Soċjali jokkupa l-*Customer Care Office* f'ħinijiet /ġranet miftehma biex jingħata s-servizz mill-irħula. Sfortunatament sal-aħħar tas-sena 2012 ma mmaterjalizzax dan il-proġett minkejja li l-laqgħat saru fl-ewwel kwart tas-sena.

Żjara oħra fl-Imqabba kienet mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Is-sotto kumitat tal-Anzjani ġew fostna u kienu ospitati f'diversi siti ta' interess, fosthom il-Katakombi tal-Mentna, l-Isptar il-Qadim, il-Kappelli tad-Duluri, ta' San Bażilju w San Mikiel u wkoll fil-Knisja Parrokkjali. Dan sar fit-28 ta' Marzu.

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba kien parteċipi wkoll f'laqgħa li nżammet fl-istess jum dwar il-ħsejjes jew aħjar it-tniġġiż mill-ħsejjes. F'soċjetà li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed tkun esiġenti, qed jinħass aktar dan it-tniġġiż minn storbju esaġerat speċjalment fl-ambjent urban, permezz ta' żieda fil-volum tat-traffiku, murtali tal-festa, eċċ.

Fit-2 ta' April beda l-eżerċizzju tal-verifika għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2011 mill-Kumpanija *Grant Thornton*. Dam sejjer għal kważi ġimgħa sħiħa fejn l-udituri pproponew aġġustamenti biex setgħu jkunu ppreżentati l-*Audited Financial Statements*.

Fl-4 ta' April seħħ inċident ikrah fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Vettura misjuqa minn tfajla baqgħet dieħla fis-*central strip* fuq l-arblu tal-bandiera tal-Imqabba. Kellhom isiru diversi rapporti fl-Għassa tal-Pulizija u l-Kumpanija tal-Assikurazzjoni biex irkuprajna lura l-ispejjeż għall-għamara tat-toroq li sfat bil-ħsara.

Fl-10 ta' April bdew sensiela ta' laqgħat dwar il-proġett tal-Mentna mal-Uffiċjali tal-Aġenzija tal-Pagamenti fil-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Dawn seħħew b'mod regolari kull xahar biex kien immarkat il-progress tax-xogħolijiet ta' Miżura 313 tal-*EAFRD*, fosthom 02.05.2012, 25.07.2012, 02.08.2012, 23.10.2012, 09.10.2012, 14.11.2012 (*Progress Project Report*).
Intant nhar is-16 t'April l-uffiċjali tal-*MRRA* għamlu żjara fuq il-post tal-*embellishment* tal-Pjazza Ġublew tad-Djamanti, filwaqt li kienu ppreżentati l-ewwel kont fis-17 ta' April 2012, it-tieni kont fis-6 ta' Ġunju 2012, it-tielet kont fid-9 ta' Lulju 2012, u r-raba' u l-ħames kont fl-20 ta' Settembru 2012.

Fil-laqgħa li kellu l-Kunsill Lokali tal-Imqabba nhar l-24 t'April 2012, mas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, ġejna infurmati li l-*MEPA* tat permess sabiex iwaħħlu statwa tal-istess Madonna fil-ġnien tal-ġibjun. Dan kien ifisser li ridna nneħħu l-għamara tat-toroq kollha minn hemm, fosthom tinda, *gazebo* u lampa solari. Dawn twaħħlu aktar tard f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira. F'laqgħa oħra mal-istess soċjetà, fid-29 ta' Mejju, dawn ipprotestaw bil-qawwa għall-applikazzjoni tas-Soċjetà Santa Marija biex titpoġġa statwa tagħhom fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

Nhar it-2 ta'Mejju, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba, kien mistieden jipparteċipa f'laqgħa fil-*MEPA* biex ikun jaf aktar dwar il-faċilitajiet il-ġodda li qed toffri l-*website* tagħhom. Dan bl-iskop li jiffaċilita dejjem aktar ix-xogħol tal-ippjanar u l-permessi.

Nhar it-3 ta' Mejju, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba kellu laqgħa mal-*Accountant* dwar nuqqasijiet u osservanzi li kienu għamlu l-Udituri għas-sena 2011. L-għada, is-segretarju eżekuttiv, ippreżenta l-*Audited Financial Statements* lill-*Grant Thornton.*

Wara li kienet ħarġet is-sejħa għall-offerta pubblika, ingħata l-Kuntratt lill-*Hive Information Systems* li issa kienu inkarigati mill-kostruzzjoni tas-sit elettroniku biex jippromwovi l-*Heritage Trail* ta' M313. Għaldaqstant inżammet laqgħa mal-kuntrattur nhar is-7 ta' Mejju, fl-uffiċċju tas-sindku.

Fil-15 ta' Mejju, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ħa sehem attiv fis-*seminar* organizzat mill-gvern ċentrali bit-tema "Insaħħu l-Gvern Lokali".

Fi-30 ta' Mejju saret l-ewwel ħarġa għal Għawdex, mill-KLM. Din kienet suċċess kemm mill-att ta' parteċipazzjoni kif ukoll mill-att organizzattiv. Ħarga oħra simili, inżammet nhar it-13 ta' Settembru.

Nhar il-15 ta' Ġunju, il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali kien l-organizzatur ta' *seminar* bit-tema "L-Agrikoltura l-Qofol ta' kull Żvilupp Rurali". Għal dan is-*seminar* tkellmu *speakers* barranin fejn spjegaw lil dawk preżenti l-valur siewi ta' l-Eko Sistema u l-akkumpanjament tan-natura flimkien max-xogħol tal-bidwi.

Waħda mill-ġranet importanti fil-kalendarju tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba fl-2012 bla dubju hi dik tas-6 ta' Lulju, fejn fuq il-Mentna nstabu oqbra Paleo Kristjani ġodda mat-tlieta (3) eżistenti. Hawn ix-xogħol ikkumplika ruħu għaliex biex ma tiġrix ħsara beda jsir it-taħmil b'mod manwali taħt ħarsien kontinwu tas-Sovratendenza Kulturali. Dawn l-oqbra eventwalment issaqqfu.

Fit-12 ta' Lulju, l-Imqabba kienet qed tidfen lil wisq maħbub Kappillan Dun Nazzaren Caruana wara li kien akkumpanjat b'banda waħda ffurmata mill-elementi taż-żewġ Każini tal-Banda. Immedjatament wara bdew taħdidiet mal-Kurja u l-Aġent Kappillan Dun Frans Abdilla dwar il-Festa ta' Santa Marija li saret b'anqas pompożità f'ambjent ta' viżtu u rispett.

Fil-25 ta' Lulju, 2012, l-Ispettur Pulis, li nħatar dan l-aħħar, għamel żjara lis-segretarju eżekuttiv fl-uffiċċju tiegħu. Id-diskussjoni kienet l-aktar iffukata dwar id-diversi lmenti li jkunu mgħoddija 'l-pulizija dwar storbju, trabijiet, ħmieġ u inkonvenjenti oħra li jiltaqa' magħhom l-uffiċċju ta' kuljum.

L-Onor Chris Said, Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, flimkien mas-sindku taw konferenza stampa nhar it-3 t'Awwissu, 2012 fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti fi tmiem il-proġett tat-toroq fil-lokalità. Hekk seħħet il-wegħda li kienet għamlet is-sitt leġiżlatura, jiġifieri li matul il-5 snin li jkollha l-mandat, tiksi mill-ġdid it-toroq kollha li kienu għadhom *chip and spray.*

Twiddiba serja li ħadu r-rappreżentanti tal-kunsilli lokali li attendew għal-laqgħa nhar is-7 u t-8 t'Awwissu, kienet mill-*MCCAA*. Din id-diskussjoni kienet titratta l-bandli fl-ibliet u l-irħula u *cioè* il-bżonn ta' spezzjonijiet regolari ħalli ssir il-manutenzjoni li jkun hemm bżonn. Dawn il-miżuri tassattivi, ittieħdu fil-konfront taċ-ċittadin speċjalment il-familji bi tfal żgħar li jittieħdu f'dawn il-postijiet biex jirrikrejaw irwieħhom.

Fl-20 t'Awwissu, is-Sinjorina Roberta Zingarello, studenta Taljana li kienet qed tieħu sehem fi skambju permezz ta' kumpanija Maltija *Stage Malta* u li qattgħat magħna sajf sħiħ tagħmel esperjenza ta' xogħol, kienet offruta ġurnata mill-iskeda tas-segretarju eżekuttiv biex iddur f'siti storiċi fir-raħal tagħna. Matul din il-ġurnata hija esperjenzat il-ħajja tal-antenati tagħna u l-klima sħuna

Maltija fl-eqqel tas-sajf, liema siti hija kienet qed tagħmel traduzzjoni tad-deskrizzjoni tagħom mill-Ingliż għat-Taljan. Studenti oħrajn li kellhom esperjenza magħna tul din is-sena kienu Daniel Grech, Marija Barbara, Layton Fenech, Nathaniel Sciberras u wkoll persuna b'diżabilità fuq skema tal-*MCAST* imsejħa *Pathway* u *Independent Living* nhar il-5 t'Ottubru 2012. Matul din is-sena kellna r-riżenja ta' Ms Mersia Mackay fl-14 ta' Settembru, tmiem l-impjieg ta' Alfred Farrugia li kien fuq skema tal-*ETC* imsejħa l-*Community Works Scheme* li l-vakanza tiegħu imtliet fit-22 t'Ottubru, minn Godfrey Baldacchino u George Cassar u finalment l-ingaġġ ta' Rita Abela D'Amato skema tal-*IPSL* nhar id-19 ta' Novembru u l-*Clerk* Skala 15 Kylie Anthea Fenech fit-12 ta' Novembru.

Ix-xhieda l-Qorti tas-segretarju eżekuttiv meta kien inħarrek mill-Kummissarju tal-Pulizija darbtejn biex jixhed minħabba inċidenti f'kollużjonijiet tat-traffiku, kienet determinanti nhar it-22 ta' Novembru (każ Gilbert Diacono f'inċident fuq *crash barrier* fi Triq tas-Sejba nhar it-18 ta' Ġunju fejn kienet imdaħħla l-kumpanija tal-assigurazzjoni *Untours*) kif ukoll dak tal-20 ta' Settembru (*Hothersall vs* Pulizija) fejn vettura oħra kienet għamlet ħsarat fuq is-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kantuniera ma' Triq Valletta.

Bi tħejjija għall-attività Kulturali tal-5 ta' Ottubru, f'Settembru kienu ppreżentati l-permessi tal-Pulizija fl-Għassa taż-Żurrieq biex jingħalqu t-toroq għal banda waħda ffurmata mill-elementi taż-żewġ każini tal-banda, kif ukoll biex ippreżentat lid-dipartiment tagħrif għall-*media* (*press pack* fil-25 ta' Settembru). Għal din l-attività kulturali kien hemm *claim for refund* lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn dawn fit-3 ta' Jannar 2013 għaddew €3,000 fil-kontijiet tagħna.

Fit-2 t'Ottubru, is-sindku u s-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa ma' uffiċjali ta' Transport Malta dwar is-servizz patetiku tat-trasport pubbliku mill-kuntrattur tagħhom *ARRIVA*. Tant instab li kellhom raġun jilmentaw, li dawn, f'Diċembru ddikjaraw "*Revamp tas-70's*" b'riferenza għan-numri tal-vetturi li jidħlu kif ngħidu mill-mina ta' Ħal Kirkop 'il ġewwa.

Nhar l-4 u l-5 t'Ottubru, kien organizzat *seminar* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għas-segretarju eżekuttiv. Matulu kienu diskussi diversi temi ta' natura monetarja fejn spikkat ferm il-*format* tal-laqgħat, f'dawk l-aktar interattivi. Ir-riżorsi umani limitati u l-kunċett ta' *thinking outside the box* kienu jiddominaw mumenti twal f'dawn il-laqgħat minn persuni diversi ta' entitajiet mistiedna.

Bla dubju l-attività kulturali tal-5 t'Ottubru, kienet waħda fuq skala nazzjonali. Il-kordinament kollu kien *in-house* u ma kien hemm l-ebda kumpanija li ħadet ħsieb kollox hi bħall-*entertainment etc*. Dan hu valur miżjud u assikurazzjoni li l-flus qed jintefqu bil-ħidma esklussiva tar-riżorsi tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

Id-dokumentazzjoni kollha tal-ħarġa tal-offerti għat-tindif tat-toroq kienet finalment mitluba mill-*Public Committee Review Board* biex jiddeċiedi jekk kellux raġun l-orħos *bidder* u l-appellant tak-offerta pubblika li kien ħareġ il-KLM aktar kmieni din is-sena. Il-Kumpanija *Dimbros* instab li ma kienetx konformi fil-proċess tal-appell u eventwalment l-offerta ħadha t-tieni l-orħos *bidder* Joseph Zammit.

Nhar is-16 t'Ottubru fetaħ il-programm ta' Jum l-Imqabba b'Kor Żvediż ta' żgħażagħ li kantaw fl-Iskola Primarja. Il-kor *Norkopfing* kien l-ewwel kor b'talent barrani li qatt ħa sehem fl-attivitajiet li jkunu organizzati f'Jum l-Imqabba, ta' kull sena. Il-

propoganda għall-programm imħejji mill-KLM, saret bit-tqassim tal-fuljett tal-kunsill "Minn fuq l-Għatba tal-Kunsill" li issa sirna nistampaw sitta fis-sena biex inżommu kuntatt regolari mal-pubbliku. Laqgħa oħra interessanti fil-programm ta' Jum l-Imqabba kienet dik tat-18 t'Ottubru dwar "Il-Piroteknika bħala parti mill-Wirt Kulturali Intanġibbli ta' Pajjiżna". Sa minn ġranet qabel iltqajna mal-Perit Bianco li kien professjonali fir-riċerka li għamel u strumentali li attira udjenza għal din il-laqgħa.

Waqt il-kunċert annwali ta' Ġieħ l-Imqabba li din id-darba kien imissha s-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju iddaoq fih, inqata' l-kurrent elettriku. Għaldaqstant l-attività tal-20 t'Ottubru kellha tiġi posposta għall-24 ta' Novembru. Intant f'dan il-kunċert tħabbar ir-rebbieħ Ġieħ l-Imqabba 2012 filwaqt li l-programm kompla l-għada, din id-darba mhux fl-Iskola Primarja, iżda fil-Knisja Parrokkjali, b'quddiesa ta' ringrazzjament mill-kunsillieri ikkonċelebrata mill-Kappillan Dun George Xuereb, il-kappillan il-ġdid tal-Imqabba minkejja li l-festa tal-Pussess tiegħu kienet iċċelebrata iktar tard, matul Diċembru.

Laqgħa oħra obbligatorja organizzata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-*late payment directive* u l-obbligi tal-formularju korrett li jrid jintbgħat lill-Kummissarju tat-Taxxa, kienet organizzata għas-segretarji eżekuttivi.

Bi preparazzjoni għal-*Launching* tas-*Southern Villages Itineraries*, il-*Malta Tourism Authority* żammet laqgħa għall-ħames villaġġi dawk imsejħa mill-mina (ta' Ħal-Kirkop) 'il ġewwa nhar id-29 t'Ottubru, is-6 ta' Diċembru u t-18 ta' Diċembru. Ix-xogħol fuq dawn is-siti storiċi, *cioè* kif se nippromovuhom, ilu jsir matul is-sajf kollu mill-uffiċċju tagħna u l-istudenti tad-Direttur *MTA* is-Sur Julian Zarb, bl-inizjattiva ta' studenti barranin li ġew mhux darba jagħmlu viżita lill-Imqabba. Maraike Stein, Lindsey Thornestone u Silvia Cimei, immappjaw dawn l-itinerarji bil-ħsieb li jservu ta' qafas għat-turiżmu lokali u internazzjonali bit-tama li dawn jagħtu r-rizultati u nilħqu l-ambizzjonijiet tagħna kif prometti f'Miżura 313 biex ma jkunx hemm inkwiet dwar fondi tal-U.E. L-itinerarji tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, Bormla, Żebbuġ Għawdex u Tarxien kienu ppreżentati nhar it-13 ta' Novembru 2012 u nhar is-7 ta' Novembru 2012, il-KLM kien strumentali biex jinjetta numru kbir ta' anzjani minn 55 sena 'l fuq biex ma tkagħbarhomx l-influenza matul ix-xhur tax-xitwa. Id-Dipartiment għall-Kura Primarja jipprovdi dawn il-*vaccines* u l-KLM jipprovdi l-infermieri biex jagħtuhom anke fid-djar, infermieri Mqabbin li jagħmlu dan mingħajr obbligazzjoni.

L-aħħar laqgħa obbligatorja għas-segretarji eżekuttivi miżmuma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal din is-sena kienet dik tat-23 ta' Novembru, bis-sehem dirett tal-*MEUSAC*. It-tema kienet *Europe 2020- From EU Strategy to Local Actions; The Contribution of Local Councils.* Matul din il-laqgħa l-kelliema fosthom mistiedna barranin elaboraw fuq ix-xogħol, l-edukazzjoni u l-ambjent (bit-tibdil fil-klima jieħu l-prijorità li jixraqlu).

Is-sindku u s-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa fis-7 ta' Diċembru, 2012 mal-*Business and Strategy Manager* tal-Korporazzjoni Enemalta dwar diversi suġġetti komuni fosthom: l-ilmenti li jgħaddi l-KLM mill-*eGov*, id-diffikultà tar-rappurtaġġ ta' lampi tat-toroq li jkunu jixegħlu u jitfu wara ċertu ħin, il-formularju l-ġdid għal-lampi fuq l-arbli, is-sistema tal-Korporazzjoni Enemalta (*SAP*) u l-provvista temporanja tad-dawl f'okkażjonijiet fejn il-KLM jkollu bżonn jixgħel f'okkażjonijiet speċjali.

Fl-10 ta' Diċembru kienu ppreżentati l-kontijiet kollha tal-proġett tal-kostruzzjoni ta' ġnien li fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti mill-Kuntrattur tal-KLM, *Schembri Barbros* , dak tal-kostruzzjoni ta' sit elettroniku biex tkun promovuta l-*Heritage Trail* mill-Kuntrattur tal-K.L.M, *Hive Information Ltd* u l-kuntratt tal-ippubblikar tal-fuljett li se jippromwovi l-istess *Heritage Trail* minn

*Gutenberg Press* lill-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministru tar-Riżorsi u Affarijiet. Minkejja li ċ-Ċentru tal-Viżitaturi għadu ma ġiex uffiċjalment inawgurat, din il-ġurnata timmarka t-tmiem tal-ħidma f'din iż-żona.

Sat-13 ta' Diċembru, il-Festa tal-Kunċizzjoni, l-kunsill jieħu ħsieb jarma t-toroq għall-festi tal-Milied bid-dekorazzjonijiet li jilluminaw b'mod speċjali l-Pjazza tal-Knisja. Din mhux l-unika inizjattiva li jieħu l-KLM f'dawn il-ġranet sbieħ. Infatti minbarra l-kartolini li jintbagħtu, fit-22 ta' Diċembru nżamm il-*party* tat-tfal tal-Milied fl-Iskola Primarja u wkoll il-*party* tal-għaqdiet tal-Istrina.

Formularju ġdid li se jibda jintuża minn Transport Malta se jbiddel għal kollox ix-xenarju fil-qasam tal-immaniġġjar tat-traffiku. L-*e-forms* kienu *launched* f'laqgħa li kienet organizzata fil-Bini Amminstrattiv f'Sa Maison nhar id-19 ta' Diċembru 2012, biex ikunu sottomessi talbiet tal-kunsill lokali għall-*yellow lines, loading /unloading bays, rumps, traffic mirrors, speed limits, etc*.

F'ċerimonja qasira li nżammet fil-Berġa ta' Kastilja nhar l-20 ta' Diċembru, kien imħabbar mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba qed jingħata fondi biex iwettaq żewġ proġetti. Wieħed ta' restawr tal-pedestalli tal-istatwi ta' San Franġisk u dak tal-Kunċizzjoni fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti kif ukoll biex jintroduċi *CCTV cameras* fil-Pjazza tal-Knisja u fi Ġnien Tfal ir-Raħal. Dan se jimmaterjalizza fl-2013. Intant fis-27 ta' Diċembru, issottomettejna l-irċevuti bħala prova li x-xogħol sar ta' żewġ skemi oħra. Dik l-attività kulturali (skema 2012) kif ukoll tal-kotba li nxtraw għal-librerija pubblika permezz ta' skema li din is-sena kienet tinkludi mhux biss il-kotba iżda wkoll tagħmir, fil-każ tagħna fi xkaffar ġdid.

## Il-Ħidma tal-Kunsill

;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;;

**Organizzazzjoni**

L-istruttura organizzattiva ġdida implimentata matul l-aħħar xhur biż-żieda ta' *part-time clerk*, bdiet tagħti l-frott.



## L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

| | | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2011 ATTWALI €** | **2011 ESTMI €** | **2010 ATTWALI €** | **VARJANZA ATTWALI/ESTMI €** | **VARJANZA ATTWALI €** |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 490,447.48 | 437,569.00 | 252,680.48 | 52,878.48 | 237,767.00 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 27,853.07 | 16,500.00 | 39,529.91 | 11,353.07 | (11,676.84) |
| 0090 | L-Investiment | 585.21 | 200.00 | 746.96 | 385.21 | (161.75) |
| 0100 | Ġenerali | 602.25 | 300.00 | 341.04 | 302.25 | 261.21 |
| | **TOTAL** | **519,488.01** | **454,569.00** | **293,298.39** | **64,919.01** | **226,189.62** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 68,740.37 | 75,300.00 | 66,304.99 | 6,559.63 | (2,435.38) |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 157,550.49 | 133,700.00 | 172,971.41 | (23,850.49) | 15,420.92 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 193,133.14 | 245,569.00 | 196,451.92 | 52,435.86 | 3,318.78 |
| | **TOTAL** | **419,424.00** | **454,569.00** | **435,728.32** | **35,145.00** | **16,304.32** |
| | **Bilanċ** | **100,064.01** | **0.00** | **(142,429.93)** | **29,774.01** | **209,885.30** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| | | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2011 ATTWALI € | 2011 ESTMI € | 2010 ATTWALI € | VARJANZA ATTWALI - ESTMI € | VARJANZA ATTWALI € |
| 2 | **Id-Dħul** | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | |
| 0001 | Annwali | 235,458.96 | 237,569.00 | 239,819.00 | (2,110.04) | (4,360.04) |
| 0002 | Supplimentari | 9,439.11 | | | 9,439.11 | 9,439.11 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 152,410.45 | 200,000.00 | 3,408.16 | (47,589.55) | 149,002.29 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publiċi/Governattivi | | | | | |
| 0015 | Ħwejjeġ Oħra | 93,138.96 | | 9,453.32 | 93,138.96 | 83,685.64 |
| | | **490,447.48** | **437,569.00** | **252,680.48** | **52,878.48** | **237,767.00** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 6,521.10 | 100.00 | 100.00 | 6,421.10 | 6,421.10 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 11,343.28 | 9,000.00 | 31,560.10 | 2,343.28 | (20,216.82) |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | 400.00 | | (400.00) | |
| 0066 | Ġenerali | 9,988.69 | 7,000.00 | 7,869.81 | 2,988.69 | 2,118.88 |
| | | **27,853.07** | **16,500.00** | **39,529.91** | **11,353.07** | **(11,676.84)** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 585.21 | 200.00 | 746.96 | 385.21 | (161.75) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **585.21** | **200.00** | **746.96** | **385.21** | **(161.75)** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 602.25 | 300.00 | 315 | 302.25 | 287.25 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | | 26.04 | | (26.04) |
| | | 602.25 | **300.00** | 341.04 | 302.25 | 261.21 |
| | **TOTAL** | **519,488.01** | **454,569.00** | **293,298.39** | **64,919.01** | **226,189.62** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 4.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2011<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2011<br>ESTMI<br>€ | c<br>2010<br>ATTWALI<br>€ | b-a<br>VARJANZA<br>ATTWALI/ESTMI<br>€ | c-a<br>VARJANZA<br>ATTWALI<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 4,998.80 | 8,000.00 | 6,360.00 | 3,001.20 | 1,361.20 |
| 1101 | Allowance tal-kunsillieri | 9,560.00 | 6,600.00 | 6,400.00 | | |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 43,122.17 | 50,000.00 | 47,380.67 | 6,877.83 | 4,258.50 |
| 1300 | Bonus | 3,643.12 | 3,700.00 | | 56.88 | (3,643.12) |
| 1400 | Dħul Supplimentari | | | | | |
| 1500 | Kontribuzzjonijet tas-Sigurtà Soċjali | 4,307.69 | 4,000.00 | 3,956.76 | (307.69) | (350.93) |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | | | | | |
| 1700 | Sahra | 3,108.59 | 3,000.00 | 2,207.56 | (108.59) | (901.03) |
| | | **68,740.37** | **75,300.00** | **66,304.99** | **9,519.63** | **724.62** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra** | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 8,520.11 | 9,000.00 | 9,231.74 | 479.89 | 711.63 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 459.29 | 1,500.00 | 1,431.84 | 1,040.71 | 972.55 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 11,996.44 | 14,000.00 | 14,308.19 | 2,003.56 | 2,311.75 |
| 2400 | Kera | 732.94 | 1,500.00 | 1,746.63 | 767.06 | 1,013.69 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 123.29 | 700.00 | 709.32 | 576.71 | 586.03 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 7,057.49 | 3,000.00 | 8,539.19 | (4,057.49) | 1,481.70 |
| 2700 | Trasport | 1,076.17 | 1,000.00 | 1,044.18 | (76.17) | (31.99) |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 51.00 | 0.00 | 0.00 | (51.00) | (51.00) |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 4,245.59 | 5,000.00 | 5,870.24 | 754.41 | 1,624.65 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 80,560.32 | 60,000.00 | 75,898.32 | (20,560.32) | (4,662.00) |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 12,915.78 | 5,000.00 | 6,029.60 | (7,915.78) | (6,886.18) |
| 3200 | Taħriġ | 614.06 | 0.00 | 48.59 | (614.06) | (565.47) |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 17,492.29 | 18,000.00 | 18,442.43 | 507.71 | 950.14 |
| 3600 | Sistema' ta' nfurzar tal-ligijiet | 11,705.72 | 15,000.00 | 29,671.14 | 3,294.28 | 17,965.42 |
| | | **157,550.49** | **133,700.00** | **172,971.41** | **(23,850.49)** | **15,420.92** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | | | | | |
| 7200 | Titjib | 3,325.66 | | 9,930.37 | (3,325.66) | 6,604.71 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 7,702.57 | 3,000.00 | 980.57 | (4,702.57) | (6,722.00) |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 182,104.91 | 242,569.00 | 185540.98 | 60,464.09 | 3,436.07 |
| | | **193,133.14** | **245,569.00** | **196,451.92** | **52,435.86** | **3,318.78** |
| | **TOTAL** | **419,424.00** | **454,569.00** | **435,728.32** | **38,105.00** | **19,464.32** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 5.1 Kontijiet tas-Savings

**Bilanċi mqabbla mal-kotba:**

| | | |
|---|---|---|
| Nominal Code 5003 | BOV Savings LES Operating Account | €54,118.80 |
| Nominal Code 5004 | BOV Savings Zurrieq (inactive) | €788.35 |
| Nominal Code 5005 | BOV LES Bank Payment Savings | €5,745.08 |
| Nominal Code 5007 | BOV Savings Mqabba | €58,746.35 |
| Nominal Code 5015 | BOV Measure 313 (Savings ac) | €93,267.02 |

## 5.2 Kont Kurrenti

**Bilanci mqabbla mal-kotba**

| | | |
|---|---|---|
| Nominal Code 5002 | BOV Current Zurrieq (inactive) | €0.30 |

| BANK RECONCILIATION OF ACCOUNT 5008 | |
|---|---|
| Closing balance as per bank statement | €54,118.89 |
| Less Outstanding CB 4 Payments | €0.00 |
| Sub Total | €0.00 CR |
| Plus Outstanding CB4 Receipts | €0.00 |
| Sub Total | €0.00 DR |
| Reconciled Bank Balance | €54,118.89 |
| Computer Bank Balance as at 31.12.2011 | €54,118.89 |
| Diff | €0.00 |

## *5.3* Cash in Hand

| | | |
|---|---|---|
| Nominal Code 5010 | Petty Cash float | €43.18 |
| Nominal Code 5013 | Employees' Cash float | €150 |

Anthony Bonello
Segretarju Eżekuttiv

## 6.0 Rapport tal-Awditur u l-Financial Statements